# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 19 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Numru 73/2020**

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**Vs**

**Christopher Grima**

**(K.I. numru 293178(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c (C 2833) ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2020 fejn Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c iddikjarat u kkonfermat bil-gurament illi:-

*"Illi, l-esponenti tinsab kreditrici tal-intimat Christopher Grima fis-somma ta' hamest elef, disa' mija u erbgha u sebghin Ewro u tlettax –il centezmu (€5,974.13) sorte, oltre l-ispejjez gudizzjarji u l-imghax kanonizzat permezz ta' ittra ufficjali bin-numru elfejn, disa' mija u sittax tas-sena*

*elfejn u tlettax (2916/2013) ipprezentata fir-registru ta' Din l-Onorabbli Qorti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c (C 2833) vs Christopher Grima", li giet reza ezekuttiva fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elefejn u erbatax (2014) ai termini ta' l-Artikoli mija u sitta u sittin ittri 'A' u 'B' (166A u 166B) Tal-Kodici tal-Organizzazzjoi u Proceduri Civili, Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. "A").*

*Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-ittra ufficjali fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi l-ittra ufficjali datata 29 ta' Novembru 2013 – numru 2916/2013 – (Dok "A") fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimat."*

Rat illi r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-udjenzi tat-3 ta' Lulju 2020 u t-8 ta' Ottubru 2020;

Rat li l-intimat debitament notifikat bir-rikors promotur fil-31 ta' Lulju 2020 baqa' ma deherx sabiex jikkontesta t-talba tas-socjeta' rikorrenti u l-anqas ma prezenta ebda risposta bil-miktub fejn ikkontesta l-istess talbiet.

Semghet ix-xhieda ta' Doreen Zahra in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Ikkunsidrat:

Illi din hija talba sabiex il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti jirrizulta illi fid-29 ta' Novembru 2013 is-socjeta' rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali (Numru 2916/2013) fil-konfront tal-intimat Christopher Grima ghall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, liema ittra[1] jidher li giet notifikata lill-istess intimat fl-4 ta' Dicembru 2013 u giet reza ezekuttiva fit-13 ta' Jannar 2014.

Illi x-xorta tad-dejn li l-intimat gie interpellat illi jhallas permezz tal-ittra ufficjali in kwistjoni huwa evidentement bilanc dovut fuq loan facility li kellha tithallas lura permezz ta' pagamenti mensili.

Ikkunsidrat;

Illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A(4) tal-Kapitolu 12 jistipolaw illi:-

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun*

[1]Kopja informali tal-ittra ufficjali giet annessa mar-Rikors promotur, a fol. 2.

*tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħal li kieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a)*.”

Fil-kaz *de quo*, oltre li kif gia` inghad l-ittra ufficjali bin-numru2916/13 giet reza ezekuttiva, ma jirrizultax illi l-intimat kien ipprezenta rikors ai termini tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 166A ghar-rexxissjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha tal-istess ittra ufficjali u dan entro t-terminu stipolati fl-istess subartikolu.

Konsegwentement, il-Qorti tqis illi s-socjeta’ rikorrenti ottjeniet titolu ezekuttiv ghall-hlas tad-debitu mertu tal-ittra ufficjali Numru2916/13 bis-sahha tal-istess ittra ufficjali notifikata lill-intimat, liema titolu seta’ jigi ezegwit skont kif prospettat fl-Artikolu 256 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat;

Illi madanakollu, l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 jistipola illi wara:-

> “*… l-għeluq ta’ ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu ezekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skont l-Artikolu 166A seta’ jigi esegwit,*
>
> *l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba magħmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut*.”

Fil-kaz odjern, irrizulta mill-atti li ghaddew iktar mill-hames (5) snin imsemmijin fl-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 mid-data meta giet reza ezegwibbli l-ittra ufficjali *de quo* minghajr ma gie ezegwit it-titolu ezekuttiv miksub fil-konfront tal-intimat.

Mill-atti jirrizulta ulterjorment illi r-rekwiziti tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 sabiex is-socjeta' rikorrenti tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnha miksub bl-ittra ufficjali Numru 2916/13, jinsabu sodisfatti u dan billi evidentement, it-talba saret quddiem il-Qorti kompetenti u waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2020 rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kkonferma wkoll bil-gurament illi d-dejn imsemmi fl-istess ittra ufficjali ghadu dovut minghand l-intimat.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-awtorizzazzjoni sabiex tezegwixxi t-titolu ezekuttiv ottjenut bl-ittra ufficjali Numru2916/13, il-Qorti tqis li ma hemm ebda impediment sabiex hija tilqa' t-talba tal-istess rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tawtorizza lill-istess socjeta' rikorrenti sabiex tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fil-konfront tal-intimat Christopher Grima permezz tal-ittra ufficjali Numru 2916/13 li giet**

**ipprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, bl-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur